MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 1411/1992/1

**Francis Borg**

**Vs**

**1) Carmen mart Dominic Gaffiero,**
**2) Catherine mart Anthony Camilleri,**
**3) Elizabeth mart Anthony Ellul,**
**4) Victoria mart Emanuel Ebejer,**
**5) Georgina mart Paul Baldacchino,**
**6) Salvina mart Mario Seguna**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur irrenda servigi lil ommu Antonia Borg, illum mejta, ghall-perjodu ta' xahar qabel il-mewt taghha;

Premess illi l-attur anke hareg flus ghal spejjez in konnessjoni ma' l-istess servigi;

Premess illi ghal dawn is-servigi u spejjez, l-istess Antonia Borg kienet wieghdet lill-attur illi tikkumpensah ghalihom;

Premess illi l-istess Antonia Borg mietet u halliet hdax-il eredi, cioe`, l-attur, ohtom Rose Farrugia, u huthom subien Ronald, Anthony u Peter, ahwa Borg;

Premess illi l-attur lahaq ftehim separat dwar il-kumpens ghas-servigi u spejjez ma' ohtu Rose Farrugia u kif ukoll ma' hutu Ronald, Anthony u Peter, ahwa Borg, u ghalhekk mhux ser jipprocedi ghas-suppliment ta' kumpens dovut minnhom;

Premess illi, nonostante interpellati sabiex ihallsu dan il-kumpens, il-konvenuti baqghu inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi, u previa kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna:-

1. Tiddikjara li l-attur irrenda servigi lil Antonia Borg, u hareg flus in konnessjoni ma' l-istess servigi, kif jirrizulta ahjar waqt il-kawza;

2. Tiddikjara li l-attur jisthoqqlu suppliment ta' kumpens skond il-ligi ghal dawn is-servigi, kompriza wkoll f'dan is-suppliment ir-rifuzjoni ta' l-ispejjez minnu inkorsi;

3. Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, l-ammont dovut lill-attur, bhala suppliment ta' kumpens ghas-servigi rezi u ghar-rifuzjoni ta' l-ispejjez inkorsi in konnessjoni ma' l-istess servigi u li l-konvenuti bhala sitta mill-hdax-il eredi ta' Antonia Borg jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-sehem taghhom ta' l-ammont hekk likwidat;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-20 ta' Ottubru 1992 u bl-imghaxijiet legali;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti illi fiha huma eccepew:-

Illi preliminarjament il-gudizzju mhuwiex integru;

Illi fil-meritu, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma hemm ebda kumpens ghal servigi dovut lill-attr;

B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet tas-16 ta’ April 1993 li permezz tieghu gie nominat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Saviour Demicoli biex jigbor il-provi; kif ukoll dak tal-15 ta’ Novembru 1993 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Maria Dolores Gauci in sostituzzjoni ta’ dak precedenti;

Ezaminat ix-xhieda prodotta mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

In materja ta' pretensjoni ghal servigi rezi, il-gurisprudenza taghna irregistrat dan l-izvilupp;

Jezistu decizjonijiet li kienu jirritjenu li "ebda kumpens ma hu dovut meta l-vinkolu tal-konsangwinita` huma stretti,

meta min jippresta s-servigi ma jkunx sofra perditi materjali, imma jkun inkomoda ruhu personalment, meta ma jkunx hemm cirkostanzi li juru bic-car illi tant mill-parti ta' min jippresta s-servigi kemm ukoll minn dak li a favur tieghu huma prestati kien hemm l-intenzjoni ta' kumpens." ("**Ester Farrugia et -vs- Nutar Dr. Carmelo Farrugia noe**", Appell Civili, 14 ta' Frar 1938;

Gja pero` minn zmien antik gie ritenut illi "*sebbene un salario per servigi non e` dovuto, se non e` convenuto, oppure se il prestante non ebbe intenzione di farsene pagare; pure la prestazione gratuita non si presume, e l'animo di donare e la rinunzia a retribuzione non devono facilmente accogliersi - anche se i servigi fossero state prestati colla speranza di un altro vantaggio, se questo non si verifica per fatto non imputabile a chi ha prestato i servigi*" - "**Felicia Felice -vs- Giuseppe Vella**", Prim' Awla, Qorti Civili, 22 ta' Gunju 1875;

L-indirizz l-aktar recenti fuq is-suggett hu dak li s-servigi jigu prestati bi speranza ta' kumpens jekk ma jikkonkorrux cirkostanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita` sija pure minhabba relazzjoni ta' parentela. ("**Giuseppina Deidun et -vs- Emilia Poggi et**", Prim' Awla, Qorti Civili, 6 ta' Ottubru 1954). Dan ghaliex il-gratuwita` u r-rinunzja ghall-kumpens ma ghandhomx jigu akkolti facilment ("**Elizabeth Vassallo -vs- Francoise Sultana**", Appell Kummercjali, 11 ta' Frar 1974; "**Mary Grace Attard -vs- Rosario Attard**", Appell Civili, 13 ta' Ottubru 1989);

Din il-Qorti ezaminat ix-xhieda saljenti f'din il-kawza fid-dawl ta' dak li gie sottomess lilha, tenut rigward tar-regola recensjuri *in subjecta materia*;

L-attur jitlaq mill-premessa illi l-pretensjoni tieghu ghas-servigi prestati lil ommu huma cirkoskritti "ghall-perjodu ta' xahar qabel il-mewt taghha". F'paragrafu 8, imbaghad, tan-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tieghu (fol. 145) huwa jiccara din il-pretensjoni billi jippuntwalizza illi "il-kumpens li qed jippretendi ma huwiex marbut mal-viziti illi huwa kien jaghmel lil ommu lokalment, izda ghall-perjodu illi

huwa kien ghamel barra minn Malta, flimkien ma' ohtu, fiz-zmien illi l-omm kien jinhtiegilha taghmel operazzjoni f'qalbha";

Il-pretensjoni ta' l-attur jidher li ssegwi zewg binarji u cjoe dik tar-rimbors ta' l-ispejjez erogati minnu biex jakkompanja lill-ommu fl-Ingilterra ghall-iskop fuq riferit u dik ghal xi forma ta' kumpens ta' xi servizz li rendilha waqt din l-istess okkazjoni, u li d-durata taghha damet mid-9 sat-30 ta' Lulju 1992;

Jinghad mill-ewwel illi l-impressjoni li hadet din il-Qorti mill-apprezzament tad-deposizzjoni ta' l-istess attur illi l-mira tieghu kienet limitata ghal fatt tar-rifuzjoni ta' l-ispejjez li nkorra f'safar, allogg, trasport u ghall-ikel. In effetti, *ex concessis* jistqarr dan:-

"Mort maghha mhux ghax kienet ser thallasni l-flus, pero` ghax hassejt li ghandi mmur maghha. Hassejt li kelli mmur maghha jien ghax dik tigi ommi" (fol. 22);

Minn dan il-kliem wiehed ghandu jiddezumi illi tikkonkorri cirkostanza li tiggustifika l-gratuwita`. Tezisti ovvjament l-opinjoni ta' l-ezistenza ta' affezzjoni bizzejjed minn iben ghal ommu li twassal anke ghall-sagrificcju personali minghajr l-intenzjoni ta' hlas. Manifestazzjoni ta' intenzjoni da parte ta' l-attur f'dak iz-zmien illi hu jirrendi assistenza lil ommu gratuwitament;

Kwantu ghall-aspett l-iehor tal-pretiza ta' l-attur ghar-rimbors ta' dak li nefaq, l-attur isostni illi l-omm kienet weghdethomlu: "Tibza' xejn Frans, kull sold li tonfoq intihulek lura";

Huwa jghid li pprova jasal fi ftehim ma' hutu fuq daqshekk u ppretenda li jaghtuh daqs kemm ipprovedew ghal ohtu Rose Farrugia li telghet ukoll ma' l-omm u mieghu. Il-konvenuti hutu minn naha taghhom ma accettawx dan, u konsegwentement, dejjem skond l-attur, "peress li ma ftehmniex jien issa nippretendi li jekk hallast l-ispejjez ghandi nehodhom kollha lura." (Fol. 37);

L-atteggjament addottat mill-konvenuti ghal din id-domanda ta' huhom jinsab arginat f'dawn il-parametri:-

(i) L-attur tela' minn jeddu, anke ghaliex l-omm kienet issostni li hi riedet mara titla' maghha u kien proprju ghalhekk li huma offrew li jassistu bi flus lil ohthom Rose Farrugia;

(ii) Huma jikkontendu li dan tela' l-Ingilterra biex jixtri trukk;

(iii) Huma ppretendew li l-ftehim fuq dak issa pretiz mill-attur huhom kellu jsir minn qabel bhal kif sar ma' l-imsemmija ohthom. Invece, l-attur beda jippretendi r-rifuzjoni wara li mietet l-omm;

(iv) Ma kienx minnu li huthom l-ohra subien, li ma gewx citati, kienu kkontribew sehemhom lill-attur mis-somma minn dan pretiza;

Il-posizzjoni hekk assunta mill-konvenuta Georgina Baldacchino (fol. 78 u 115), Victoria Ebejer (fol. 82 u 117), Elizabeth Ellul (fol. 85 u 119), Catherine Camilleri (fol. 96), Sylvana Seguna (fol. 100) u Carmen Gaffiero (fol. 106) mhix ghal kollox sorretta mill-provi l-ohra procedurali;

Huwa minnu li waqt li kien l-Ingilterra l-attur ittanta jixtri trukk tant li kif mistqarr minnu tella' mieghu somma flus (Lm150) ghal dan l-iskop (fol. 36). Huwa wkoll minnu li ma kienx hemm ftehim preventiv minn qabel illi l-konvenuti jikkontribwixxi huma wkoll fil-kaz ta' l-attur. Ghal dan pero` hemm l-ispjega ta' l-attur, sostnuta wkoll minn huh Ronald Borg, fis-sens illi "ommi kienet tghid li meta jkollha l-flus kienet ha taghtihomlu lil Frans ta' dak li nefaq l-Ingilterra." (fol. 131);

Dwar il-punt (iv) fuq espost ix-xhud Peter Borg (fol. 128) jghid li hu istruwixxa lill-attur illi s-sehem tieghu ta' l-ispejjez li l-attur eroga minn butu meta mar ma' l-omm jiehdu mill-flus tax-xoghol. Dan fis-sens illi dan huh, l-attur, kien ikollu f'idejh il-flus tad-dhul mill-attivita` ta' l-istess Peter Borg. Kwantu ghal Ronald Borg dan jghid li

hu kien hallas sehem lill-attur pero` imbaghad rega' talabhomlu lura u l-attur tahomlu. Huh l-iehor Tony Borg ma giex prodott biex jixhed pero` skond l-attur (fol. 40) dawn weghdomlu malli jibda jahdem;

Ghall-Qorti din il-prova ghandha f'dan il-kuntest sapur ta' montatura, intiza biss, u semplicement mahsuba, biex tiddiskredita l-versjoni tal-konvenuti. Konsegwentement ma tqisiex attendibbli;

Issa d-difiza addottata mill-konvenut illi l-attur tela' minn jeddu tinsab zmentita, jew ghallanqas temprata, minn dak li xehdet Rose Farrugia. Din iddeponiet illi "qatt ma kont lesta nitla' wahdi. Jien kont ghidtilha lil ommi jekk ma jitlax Frans ma nitlax ghax nibza'." (fol. 50);

Il-Qorti tinklina biex taccetta din ix-xhieda anke ghar-raguni li tati sostenn lill-fatt illi kif ritenut mill-attur hadd minn hutu ghall-bidu ma accetta li jitla' ma' l-omm u fil-fatt, kif konfermat mill-istess Rose Farrugia, skond kif qaltilha ommha, maghha kienu telghin Frans u Ronnie. Kien biss wara li terza persuna ssuggeritilha li ahjar titla' mara li ddecediet li tmur hi wkoll;

Issa l-attur jallega li hu eroga ghall-okkazjoni tal-mawra in diskussjoni somma komplessiva ta' seba' mija hamsa u sittin lira Maltija (Lm765) konsistenti f'hames mija u hamsin lira Maltija (Lm550), konfermati wkoll mill-passaport (ara verbal a fol. 47), biex ikollu x'jonfoq, tnejn u disghin lira (Lm92) telf ta' paga u mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija (Lm123) prezz tal-passagg bl-ajru (fol. 41). Jghid li nefaq mitejn u disghin lira Sterlina (£Stg290) f'akkomodazzjoni u sitt mija u sittin lira sterlina (£Stg660) ghall-ikel u sigaretti li ghall-attur "huma ikel" ukoll (fol.43);

Mill-provi l-ohra akkwiziti, senjatament dawk tal-precitata Rose Farrugia, jirrizulta illi l-attur kien sab xi sistemazzjoni ghand xi hbieb u ghalkemm l-attur jghid li pattilhom billi xtralhom xi affarijiet ta' l-ikel u hadhom ghal *drink*, din il-Qorti ma temminx illi effettivament l-attur inkorra l-ispiza li jghid li zborsa ghall-akkomodazzjoni;

Il-Qorti trid ukoll tiehu konsiderazzjoni tal-fatt illi ghal xi gurnata kien alloggjat ghand hbieb ta' komunita` li maghhom kienet affiljata ohtu, u li wkoll matul il-perjodu tar-rikoveru ta' ommu fl-Isptar huwa mhux dejjem kien imur jivvizitaha. Dan anke ghaliex, skond ohtu, huma kienu qablu li l-attur ghandu jcemplilha u b'hekk jevita skarigg u spejjez ta' trasport. Jirrizulta wkoll illi ghal xi gurnata sab il-hin imur Franza wkoll mal-hbieb tieghu. Fuq kollox jirrizulta li l-attur akkoppja l-akkumpanjament tieghu ma' ommu ma' interessi personali tieghu kompriz it-tfittxija ghal trukk li jghodd ghalih u servizz iehor ghar-ragel ta' wahda minn hutu;

Meta dan kollu jitqieghed fl-gharbiel il-Qorti ma thossx li l-attur jisthoqqlu r-rimbors ta' l-ammont kollu minnu pretiz. B'danakollu hi tal-fehma illi *in paribus* ma' ohtu Rose Farrugia huwa jimmeritah li jircievi lura daqs kemm din l-istess ohtu kienet irceviet minghand hutha, jigifieri hamsa u tletin lira Maltin (Lm35) minghand kull wahda mill-konvenuti. Dan in bazi ghall-konsiderazzjoni illi l-omm kienet propensa li tirrimborsah u l-attur innifsu kien qed jippretendi li jaghtuh daqs kemm riceviet ohtu (fol. 37).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi in bazi ghal konsiderazzjonijiet fuq maghmula, u filwaqt li tichad il-pretensjoni ta' l-attur ghas-servigi minnu allegatament rezi takkolji t-talba tieghu ghar-rimbors ta' parti mill-ispejjez li eroga minn butu fl-okkazjoni meta akkompanja lil ommu fl-Ingilterra ghall-operazzjoni kardijaka;

Tilqa' t-tieni talba billi tillikwida l-ammont dovut bhala rifuzjoni ta' l-ispejjez hekk minnu nkorsi fl-ammont komplessiv ta' mitejn u ghaxar liri Maltin (Lm210) referibilment ghas-sitt konvenuti u kwantu ghal hamsa u tletin lira Maltija (Lm35) kull wahda minnhom;

Tilqa' t-tielet domanda billi tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur l-ammont fuq likwidat ta' mitejn u ghaxar liri Maltin (Lm210) bil-mod fuq imfisser u ghal motiv espost;

fic-cirkostanzi tal-kaz l-imghaxijiet jithallsu mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (4 ta' Marzu 1993).

Konsiderat ir-rebh u t-telf, l-ispejjez tal-kawza jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------